MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 1914/2001/1

Kawza fil-lista: 70

**A I C**
**vs**
**T sive Y C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici zzewwget lil konvenut fit-28 ta' Dicembru, 1972 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla, llum maggorenni;

Peress illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, theddid u ingurji gravi da parti tal-konvenut il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli;

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 1620/2001 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok A);

Peress illi l-attrici tixtieq ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali u dotali taghha jigu lilha restitwiti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba t-tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lil konvenut.

2. Tiddikjara li l-konvenut bhala li ddekada mid-drittijiet komptemplati fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti bl-applikazzjoni tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili bin-nomina okkorrendo ta' periti.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas l-valur stabbilit ta' l-istess oggetti bin-nomina okkorrendo ta' periti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi jekk dan iz-zwieg tkisser kien biss minhabba l-attitudni tal-attrici;

3. Illi m'huwiex minnu li l-konvenut sar hati kontra martu tat-tortijiet imputati lilu;

4. Illi ma hemmx lok li l-konvenut jiddekadi minn xi drittijiet.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet, kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut, kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16.

Min-naha tieghu l-konvenut jichad dak imputat lilu mill-attrici, u jeccepixxi li "jekk dan iz-zwieg tkisser, kien biss minhabba l-attitudini tal-attrici."[2]

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Dicembru 1972, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifla, Natasha, li illum hija maggjorenni.

Illi l-inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet wassal sabiex fis-sena 1997 dawn bdew jghixu hajja separata, ghalkemm fl-istess fond.

Illum, iz-zewg partijiet jittrattjenu relazzjoni extra-matrimonjali ma' terzi.

---

[1] Vol.3 – fols.597 *et seq.*

[2] Fol.14

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li hi kienet tahdem qabel iz-zwieg u baqghet tahdem anke wara, hlief ghal xi tlett snin meta twieldet it-tifla, u ghal xi sentejn wara s-sena 1985. Hija ghandha l-professjoni ta' ghalliema, u barra l-iskola, taghti ukoll il-privat. Matul iz-zwieg hija kienet tahdem ukoll fil-kumpanija Blue Clover li kienet fethet fuq isem it-tifla, sabiex din ikollha negozju zghira, apparti mix-xoghol taghha ta' ghalliema.

L-attrici tilmenta li l-problemi fiz-zwieg bdew mill-bidunett, kemm minhabba li zewgha ried jibqa' jghix il-hajja ta' guvni, u ma kienx jerfa' r-responsabbilitijiet tal-familja, kif ukoll ghax kellu idejh maghluqa, u fi kliemha, "Fejn issemmilu flus, qatt ma ried johrog xejn."[3] Takkuza lill-konvenut b'infedelta' jew ahjar, b'certu hbiberiji ma' nisa.

Hija tispjega li wara z-zwieg il-konvenut, li jahdem bhala gwida tat-turisti, baqa' jghix il-hajja ta' meta kien guvni: "jigi mix-xoghol u jmur il-club, jigi d-dar u jidhol jorqod. Kien jaghmel granet shah imur jistad fid-day off tieghu."[4]

Tghid li hi kellha suspetti li zewgha kien qed ikun infidil lejha; u ssemmi korrispondenza li hu kien jircevi fuq il-post tax-xoghol tieghu minghand nisa, u semmi ittra partikolari li fl-ahhar kien fiha "bews u hafna paroli fil-vojt"[5] Tirrakkonta wkoll okkazjoni meta habiba taghha kienet qaltilha li kienet rat mara gol-karrozza tal-konvenut <u>hdejn id-dar taghhom</u> [!]; kif ukoll, l-atteggjament kunfidenzjali bejnu u mara ta' koppja hbieb taghhom.

Illi pero' il-problema principali u li eventwalment wasslet ghas-separazzjoni ta' bejniethom kienet dik tal-flus. L-attrici tghid li, peress li zewgha ma kienx jghatiha bizzejjed ghall-ispejjez tal-hajja, hija kellha terga' tmur tahdem wara tlett snin mit-twelid tat-tifla, u anke taghti privatijiet sabiex tixtri "l-affarijiet extra." F' dan il-perijodu, u sakemm it-tifla

---
[3] Vol.2 – fol.570
[4] Vol.1 – fol.34
[5] Ibid.

ghalqet il-hmistax-il sena, dina kienet tghix hafna ghand in-nanniet materni li kienu joqghodu vicin taghhom.

Tghid li, inizjalment hi kienet taghti lill-konvenut, il-paga kollha peress li kien jiehu hsieb kollox hu, fil-bidu anke c-children’s allowance, filwaqt li lilha kien jghatiha ammont ta’ flus ghall-hajja, liema ammont ma kienx iserviha, tant li kien ikollha taghti l-privatijiet biex tixtra “affarijiet extra” ghaliha u ghat-tifla li kienet tmur skola privata.

Illi, wara li l-partijiet xtraw dar f’ Settembru 1994, huma ddecidew li l-attrici zzomm il-paga taghha, u l-ispejjez kollha u l-pagamenti kollha jinqassmu bejn tnejn. L-attrici tghid, pero’ li l-bzonnijiet tat-tifla, anke meta dina bdiet tmur l-Universita’ kienu jithallsu mill-paga taghha, filwaqt li l-konvenut, skont l-attrici, kien jahbi l-flus li kien igemma’. Issemmi s-somma ta’ LM1,000 li hi skopriet mohbija fil-garage, kif ukoll zewg bearer accounts, li eventwalment fuq insistenza taghha kienu nqassmu bejn tnejn.

Illi rigward it-tifla, l-attrici tghid li l-konvenut “qatt ma ha nteress fit-trobbija ta’ bintna.”[6] Peress li hi kienet tahdem u l-genituri taghha kienu jghixu vicin taghhom, it-tifla kienet tqatta’ hafna hin ghand in-nanniet materni. L-ispejjez relatati mat-tifla kienet tiehu hsiebhom kollha hi, kemm privatijiet, kif ukoll “basic things” bhal hwejjeg. Anke meta t-tifla kellha bzonn il-braces, l-ispiza thallset minn-nannu matern, u mhux mill-konvenut. L-istess jinghad dwar l-ispejjez dwar il-precett u l-grizma, dawn thallsu mill-paga taghha, u l-konvenut “qatt ma hareg sold.”[7] L-istess jinghad, meta t-tifla kellha taghmel operazzjoni serja u “Jien [l-attrici] iddecidejt” li taghmilha privat. L-ispejjez hallsithom kollha hi, inkluzi dawk tal-ispecjalisti, u tal-vizta medika barra minn Malta. Anke t-tlett study tours li ghamlet it-tifla hallsithom l-attrici.

L-attrici xtrat ukoll karrozza second hand, u eventwalment karrozza gdida, ghat-tifla meta din dahhlet l-Universita’; u meta, it-tifla marret tghix go flat mal-habiha taghha, hija,

---

[6] Ibid – fol.37

[7] Ibid.

ghal perijodu ta' sitt snin, kienet taghtiha LM200 fix-xahar sabiex t-tifla, li dak iz-zmien ma kienitx tahdem, thallas sehemha mill-ispejjez, u dan apparti l-pagamenti ratejali tal-karrozza li kienet xtratilha.

Tghid li, meta l-partijiet kienu diga' jghixu separati minn xulxin, il-konvenut kien qallha li hu kien sejjer jsiefer lejn il-Norvegja ghal circa ghaxart-ijiem, u lill-attrici kien qallha "Jekk nirrangaw inqatta' t-ticket u nibqa' hawn", izda l-attrici, li kienet taf li kien ser imur fuq stedina ta' mara ta' habib tieghu, ma rieditx tirranga, u fl-affidavit taghha tghid "jien ma kelli ebda ntenzjoni nerga' nirranga."[8]

L-attrici tghid li dan l-inkwiet matrimonjali kien ikiddha u kien il-kawza ta' tensjoni u anzjeta' qawwija li hi kienet issofri minnha. Tammetti li li fis-sena 2003 hija dahhlet f' relazzjoni extra-matrimonjali wara li skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra.

*Verzjoni konvenut*
Il-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali kien dovut ghal gelozija qawwija li martu kellha fil-konfront tieghu, kif ukoll ghall-ossessjoni taghha dwar il-flus. Kien hemm ukoll nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom fiz-zwieg.

Il-konvenut jghid li fis-sena 1970 hu kien beda jahdem ta' gwida mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, u li dan ix-xoghol kien ghal qalbu peress li kien ilaqqghu ma' hafna nies. Kien anke jaghmel xi oggetti, bhal statwi, li huwa kien ibigh lit-turisti.

Fis-sena 1974 twieldet it-tifla Natasha go sptar privat; u peress li l-partijiet kienu jahdmu t-tnejn dina kienet tqatta' hafna hin ghand in-nanniet. L-attrici kienet tahdem bhala ghalliema u tispicca fl-4.30 pm, filwaqt li hu kien jahdem f' roster ta' sebat-ijiem, u ghalhekk, ftit li xejn kellu hin liberu ghall-passatempi tieghu, li kienu l-isports, is-sajd u li jissocjalizza fil-kazin [tal-patrijiet]. Jghid li martu qatt ma kienet toggezzjona ghall-mod kif kien iqatta' il-hin liberu tieghu.

---

[8] Vol.1 – fol.35

Jghid li meta zzewwgu kienu marru joqghodu fi flat zghir f' Tas-Sliema, u li hu kien ghamel hafna xoghol f'dan il-fond, izda meta bdiet tikber it-tifla huma kienu ddecidew li jakkwistaw post akbar. In propozitu jghid li "Kont ghidt lil marti li dan kien ifisser aktar sagrificji miz-zewg nahat halli naraw kif sejrin ingemmaw il-flus.  Ghalhekk bdejt noqghod aktar attent kif nonfoq il-flus, u kont naghmel minn kollox sabiex naqla' lira extra."[9]

Rigward il-hbiberija tieghu mal-mara tal-koppja Solomons, il-konvenut jghid li "wara ftit bdejt ninduna li s-sinjura Solomons kienet qeda tingibed lejja, u ghalhekk rajt kif ghamilt sabiex din ir-relazzjoni ntemmha billi kont ghidtilha li jien inhobb hafna lil marti."[10]  Isemmi pero' l-hbiberija li martu kellha kemm ma' persuna ta' nazzjonalita' Rumena, kif ukoll ma' wiehed li kien jahdem mieghu.  Dwar dan tal-ahhar l-attrici kienet qaltlu "x' tort ghandi jekk kellu crash fuqi ?"[11]

Illi meta fis-sena 1989 huma kienu akkwistaw plot f' Pembroke, kienu hadu self ta' LM5,000;  u ghal bini kien ha hsieb kollox hu.  Jghid: "kont naghmel hafna xoghol, u hafna nfiq tal-flus mill-paga tieghi waqt li kien tiela' l-bini" filwaqt li martu kienet hallset biss tlett ammonti ta' LM117, LM120 u LM120 f'Ottubru, Novembru u Dicembru tal-istess sena.  Minn 1990 'l hawn waqfet li taghti xi haga mill-paga taghha.  Hi qatt ma tat xejn aktar, u lili qatt ma qaltli x' kienet qed taghmel bil-flus."[12]  Jghid ukoll li, nonostante li hu kellu xoghol full-time, u anke part-time, huwa xorta wahda kien ha hsieb kollox, kien anke ghamel xoghol fizikament fil-bini.

Meta f' Lulju 1992 kienu marru joqghodu fiha, "kont qieghed hafna bil-ghaqal sabiex ikollna xi haga taht rasna ghaliex marti la kienet qeda tghini finanzjarjament u

[9] Vol.1 – fol.158
[10] Ibid. fol.159
[11] Ibid. fol.161
[12] Ibid. fol.162

lanqas moralment [u] u qatt ma kienet ittini sodisfazzjoni tal-infieq taghha waqt li jien kont qieghed ingemma."[13]

Dwar il-bearer accounts li hi kienet sabet fil-locker fil-garage, il-konvenut jghid li dawn kien zammhom ghandu biex bl-imghaxijiet taghhom ikun jista' jhallas l-ispejjez tal-karrozza u spejjez ohra; kif ukoll sabiex jiffranka t-taxxa.

Jghid li martu kienet ossessjonata bil-flus, u li kienet tahbi minnu, tant li anke fethet negozju ta' kosmetici fuq isem it-tifla, u bdiet topera dan in-negozju, filwaqt li lilu ma kienet taghatih sodisfazzjon ta' xejn. Jghid li "meta marti saret full-time teacher bdiet taqla' paga izjed [u] bdiet thossha aktar ndipendenti. Kien hawn li hi izjed tatni l-genb, ghalkemm anke qabel kienet turi bruda."[14]

Illi rigward l-allegazzjonijiet maghmula fl-affidavit taghha, il-konvenut jispjega: li hu kien jahdem hafna u fil-bidu l-paga kien jaghtihielha kollha, filwaqt li l-uniku zvog li kellu kienu l-passatempi tieghu li ghalihom martu qatt m'oggezzjonat; li martu kienet ghajjura hafna u kienet tissuspetta li kien infidil lejha; li l-attrici kienet harget tahdem, ghax kienet iddejjqet id-dar; li dak li qalet il-habiba ta' martu fuq il-mara li rat fil-karrozza tieghu, jghid li dan kien kollu gideb u jichdu bil-qawwa; jichad li ma kellux interess fit-tifla tieghu, u martu kienet tghina fl-iskola peress li hu kien jiehu hsieb affarijiet ohra; li l-attrici kienet thalli lit-tifla taghmel li trid, filwaqt li hu kien jinsisti fuq certu dixxiplina; huwa jichad li ma kienx jixtri 'basic things' jew hwejjeg ghat-tifla, u jghid li l-privatijiet taghha kien ihallashom kwazi kollha hu; li kif it-tifla kienet saret maggjorenni, hu kien taha s-somma ta' LM980 bilanc ta' kont li hu kien fetah f'isem it-tifla bis-somma ta' LM500; li meta martu kellha bzonn taghmel operazzjonijiet minhabba miscarriage kien hu li hallas ghall-operazzjoni privata; li huwa kien ddecieda li jmur il-vaganza fin-Norvegja meta l-attrici kienet diga' hadet id-decizjoni li tissepara, di fatti kienet qaltlu, "Anzi mur taghmillek

[13] Ibid. fol.163
[14] Ibid. fol.164

tajjeb."[15]; li huwa kien dahal fis-single social club, peress li kien ihossu wahdu, izda qatt ma kien attenda laqghat; li martu kien mohha biss kemm ghandhom flus il-bank; li mhux minnu li hi kienet thallas nofs il-pagamenti tad-dar, izda kienet hallset biss l-ammonti fuq indikati; li s-somma li martu sabet fil-garage kienet ta' LM780 u mhux ta' LM1,000, u din kienet merfugha ghandu ghal li jista' jinqala' ta' malajr; li meta t-tifla kienet marret tghix ghar-rasha, l-attrici baqghet issajjrilha u tahslilha l-hwejjeg, filwaqt li lilu ma kienet taghmillu assolutament xejn, "mhux talli hekk talli issajjar lil-kelb u tlesti l-ikel lil qtates izda lili le."[16]

Minkejja dan kollu, il-konvenut jghid "veru li kien hemm hafna argumenti u hafna nuqqasijiet u hafna zbalji miz-zewg nahat, izda jien lest li ninsa kollox u nerga' nibda kollox mill-bidu."[17]

*Verzjoni Natasha C*

It-tifla tal-partijiet tikkonferma li meta kienet zghira kienet taghmel hafna hin ghand in-nanniet materni peress li l-genituri taghha kienu jahdmu full-time. Hi kienet issib ghajnuna kbira minghand in-nannu fl-istudji, primarji u sekondarji, "pero' meta staqsejt kemm lil mummy kif ukoll lil missieri, dejjem sibt ghajnuna."[18]

Tghid li flus kienet tiehu minghand in-nannu, izda aktar minghand ommha peress li kienet izjed forthcoming. Kienet ommha li thallsilha l-affarijiet biex tilbes u spejjez edukattivi. Anke l-flus ghas-safriet kienet taghtihomlha ommha. Pocket money kienet taghtiha ommha, u din kienet hallset ukoll ghall-operazzjoni li kienet ghamlet, flimkien mal-ispejjez medici relattivi.

L-ispejjez tal-private lessons li kienet tiehu meta kienet zghira, kienu jhallsuhom in-nanniet materni.

---

[15] Ibid. fol.169
[16] Ibid. fol.179
[17] Ibid. fol.156
[18] Ibid. fol.31

Tghid li meta hi kienet marret tghix ghal rasha, ommha kienet regolarment taghtiha LM100 kull xahar, kienet xtratilha karrozza second hand u sussegwentement wahda gdida. Missierha kien jaghtiha xi flus f' certu okkazzjonijiet, "pero' bhala big sums le ma kienx jaghtini."[19]

Tghid li sa fejn taf hi, il-genituri taghha kienu zzommu d-dhul taghhom separat.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi dwar is-separazzjoni, ghalkemm saru diversi allegazzjonijiet miz-zewg nahat, xehedu biss il-partijiet; xehedet ukoll it-tifla taghhom dwar is-sitwazzjoni taghha, kemm meta kienet zghira, kif ukoll meta kibret, u saret maggjorenni.

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti, u ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju odjern, hasset opportun li taghti rijassunt tal-verzjoni taz-zewg partijiet, liema verzjonijiet f' certu aspetti huma kontrastanti, f' aspetti ohra huma michuda, u ohrajn mhumiex korroborati.

Il-Qorti hija tal-fehema li l-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, u li hija qedet bhala pedestal ghall-kaz taghha biex tipprova l-htija tal-konvenut, ma jikkonvincux lil din il-Qorti, in kwantu li whud minnhom huma fiergha, uhud mhux provati, u ohrajn inverosimili.

Bazikament l-attrici tilmenta li mill-bidunett taz-zwieg il-konvenut kien baqa' jghix il-hajja ta' guvni, kien xhih matul iz-zwieg, u kellha suspetti li f' certu okkazzjonijiet kien infidil lejha. Il-Qorti ser titratta dawn l-ilmenti *seriatim*:

[1] *Guvni* – Illi f' dan ir-rigward l-attrici tipprova, inutilment, taghti l-impressjoni li l-konvenut ma kienx jimpurtah minnha u mit-tifla taghhom, u kien mohhu biss fil-passatempi tieghu.

[19] Ibid. fol.32

Mill-provi pero' jirrizulta sodisfacentement li l-konvenut kien jahdem sieghat twal, u kien jahdem fuq bazi ta' sebat-ijiem fil-gimgha, u dan apparti milli kien jaghmel xi oggetti sabiex ibighhom lit-turisti u jzid l-introjtu. F' certu stadju tal-konvivenza huwa kien jaghmel ukoll xoghol part-time; u meta l-partijiet akkwistaw il-plot f' Pembroke huwa kien jiehu jsieb kollox, filwaqt li kien ghamel ukoll xogholijiet manwali fuq il-post; kif del resto kien ghamel ukoll hafna xogholijiet [ghamara] fl-appartament li kienu hadu f' tas-Sliema.

Il-Qorti tosserva li dan mhux komportament ta' bniedem li ried jibqa' jghix il-hajja ta' guvni wara z-zwieg, u zgur li hadd ma jista' jikkritika lill-konvenut meta fil-hin liberu tieghu huwa kien jew jmur il-kazin jew jmur jistad, multo magis meta l-attrici ma kienitx toggezzjona ghal dan.

[2] *Xehha* – Illi bla dubju ta' xejn il-fonti tal-inkwiet matrimonjali f' dan iz-zwieg kienu l-flus. In sostanza l-attrici tghid li l-konvenut kien xhih maghha u ma' bintha, u ma kienx jaghtiha bizzejjed flus ghall-hajja, tant li, wara xi ftit snin mit-twelid tat-tifla, hija kellha terga' tohrog tahdem sabiex tkun tista tixtri "affarijiet extra", kienet ukoll taghti lezzjonijiet tal-privat.

Illi dwar dan l-aspett il-Qorti thoss li l-attrici mhijiex genwina fil-verzjoni taghha, u tibbaza din il-konkluzjoni fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[a] Mill-provi jirrizulta manifest li l-attrici, li ghandha l-professjoni ta' ghalliema, hija persuna habrieka u persuna li mhjiex inklinata li tibqa' d-dar taghmel lil-facendi. Hija t-tip ta' persuna li trid tohrog tahdem u tiggenera ntrojtu; u ghalhekk, il-Qorti tifehem li, hekk kif it-tifla kellha circa tlett snin, u tenut kont li l-genituri taghha kienu jghixu vicin taghhom, hija regghet harget tahdem u tezercita l-professjoni taghha. Kienet tghallem go skola, u kienet ukoll tati l-privatijiet, filwaqt li t-tifla prattikament kienet titrabba minn nanniet materni.

Il-Qorti hija konvinta li din is-sitwazzjoni nholqot mhux ghax l-attrici kienet nieqsa mill-flus tal-hajja li kien jaghtiha l-konvenut, izda peress li, wara lit-tifla kibret ftit, hija riedet tohrog tahdem u tkompli tircevi paga awmentata bil-privatijiet. Sadanittant, hafna mill-ispejjez relatati mat-tifla kienu jigu sopportati volontarjament mill-genituri taghha, inkluzi l-privatijiet li t-tifla kienet tattendi regolament.

Il-fatt li l-attrici kienet money-minded jsib konfort ukoll fil-fatt li matul iz-zwieg hija kienet ifformat kumpanija li tmexxi negozju ta' kosmestici, u li, ghalkemm il-kumpanija tinsab fuq isem it-tifla, il-provi juru li kienet hi l-persuna li kienet tahdem u tithabat sabiex tmexxi dan in-negozju, li skond hi, ma kien jirrendi xejn.!

Illi meta l-partijiet kienu akkwistaw plot f' Pembroke fis-sena 1989, dawn kellhom bilfors jgemmaw certu ammont ta' flus biex jibnu d-dar, tenut kont li huma kienu hadu loan ta' LM5,000 b'imghax ta' tlieta fil-mija. Jidher li l-konvenut kien ha hsieb il-bini ta' dan il-post, kien ghamel xogholijiet fl-istess post, nonostante li kien jahdem full-time, u kien ukoll ihallas il-pagamenti tal-loan tad-dar.

Illi dwar l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut ma kienx jimpurtah mill-bzonnijiet tat-tifla, ghax ma kienx irid johrog flus f'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li: dwar l-istadju li fih it-tifla kienet ghadha zghira u allura kienet tqatta' hafna zmien ghand in-nanniet materni, huwa komprensibbli li dawn kien jiehdu hsieb il-bzonnijiet tat-tifla, inkluz il-hlas tal-privatijiet; dwar l-istadju ta' meta t-tifla kibret u bdiet tmur l-Universita' il-fatt li l-attrici mill-paga taghha kienet thallsilha kollox ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kienx jimpurtah minn bintu.

Il-Qorti tosserva li: il-fatt li l-attrici ddecidiet li l-operazzjoni li kellha bzonn it-tifla taghmilha Capua u mhux St.Lukes's, din kienet decizjoni taghha; il-fatt li l-attrici kienet hallset ghall-istudy tours tat-tifla, minghajr il-prova li dawn kienu necessarji, din ukoll kienet decizjoni taghha; il-fatt li l-attrici deherilha li meta t-tifla dahhlet l-Universita' kellha tixtrilha karrozza second-hand, u wara, karrozza gdida, din ukoll kienet decizjoni taghha; il-fatt li meta t-tifla, li ma

kienitx ghadha finanzjarjament indipendenti, deherilha li kellha titlaq mid-dar u tghix mal-habiba taghha, u l-attrici kienet minn rajha thallsilha l-ispejjez u taghtiha LM100 fix-xahar, din ukoll kienet decizjoni tal-attrici.

Dawn id-decizjonijiet li hadet l-attrici biex hallset mill-paga taghha l-ispejjez relatati ma' bint il-partijiet, li allura kienet maggjorenni, kienu decizjonijiet mehuda minghajr konsultazzjoni mal-konvenut, u wkoll kienu decizjonijit volontarji li l-attrici ghazlet li tiehu, u ghalhekk mhuwiex gust li takkuza lill-konvenut ghax ma kienx ikkontribwixxa ghal dawn l-ispejjez. Wara kollox il-konvenut kien qed ihallas il-pagamenti tad-dar, u kien ukoll igemma l-flus ghal li jista' jinqala'.

Inoltre, u <u>b'emfazi</u> jinghad, li l-introjtu tal-attrici jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u l-ispejjez maghmula minn dan l-introjtu huma spejjez maghmula mill-istess komunjoni li ex lege l-konvenut ghandhu sehem ta' nofs. Din is-sitwazzjoni legali l-attrici kienet pienament konxja taghha, tant li meta sabet il-kontijiet bearer fuq isem il-konvenut, hi baqght sejra dritt ghand Avukat, fejn il-kontenut tieghu gie maqsum wgwalment bejn tnejn. Fi kliem iehor, dak li qala' u gemma' il-konvenut kien tat-tnejn, filwaqt li dak li qalghet l-attrici u dak li nefqet, kien ukoll taz-zewg partijiet.

[c] *Infedelta'* – Illi l-attrici tghid li matul il-konvivenza hi kellha suspetti li zewgha kien qed ikun infidil lejha, u kien qed jittrattjeni hbiberiji ma' nisa ohra, liema allegazzjoni l-konvenut cahad bil-qawwa kollha, partikolarment ghal dak li rrapportat habiba anonima tal-attrici. Min-naha tieghu anke l-konvenut jghid li hu kellu suspetti li martu kienet qed titrattjeni hbiberija zejda ma' ragel Rumen u sussegwentement ma' persuna li kienet tahdem mieghu.

Il-Qorti tosserva li dawn is-suspetti ma zviluppawx fi provi konkreti, u ghalhekk qed jigu skartati. Dak li pero' din il-Qorti ma tistax tinjora' huma l-provi li juru li fil-mori tal-proceduri z-zewg partijiet dahhlu f' relazzjoni extra-matrimonjali.

Inoltre, jigi osservat li t-tezi attrici li hi kienet bdiet relazzjoni ma' ragel iehor wara li skopriet li zewgha kellha relazzjoni ma' mara ohra, ma tiggustifikax il-komportament taghha, stante li l-obbligu tal-fedelta' jibqa' anke wara s-separazzjoni, anke jekk il-konjugi l-iehor ikun naqas minn dan id-dmir tieghu.

*Konkluzjoni*
Illi in konkluzjoni jinghad li l-inkwiet principali bejn il-partijiet jirrisjedi fil-fatt li, filwaqt li z-zewg partijiet kienu money-minded, huma ma setghux jaqblu fuq il-gestjoni tal-flus li kienu qed jaqilghu. F' dan ir-rigward iz-zewg partijiet kienu fuq livell differenti, ghax, filwaqt li l-konvenut kien mohhu biex igemma l-flus ghal li jista' jinqala', l-attrici kienet mohha biex taqla' l-flus u tonfoq minnhom kif jidhrilha hi, ghalkemm ghal gid tat-tifla, anke meta din kienet saret maggjorenni, u anke meta l-ispejjez ma rrizultawx necessarji.

L-inkwiet fuq il-flus, kien il-kagun tal-bruda li kienet dahhlet bejn il-partijiet partikolarment min-naha tal-attrici li meta l-konvenut kien issuggerixxa li jekk jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom huwa ma kienx imur il-btala fin-Norvegja, l-attrici ma accettatx, ghax fi kliemha "Jiena ma kelli ebda intenzjoni li nerga' nirranga"[20] Di fatti l-affarijiet baqghu sejrin hazin, sakemm iz-zewg partijiet dahhlu f' relazzjonijiet extra-matrimonjali li ssiggillaw it-tkissir irrimedjabbli taz-zewg taghhom; u ghal dan jahtu z-zewg partijiet.

**Kommunjoni ta' L-Akkwisti**
*Likwidazzjoni*
Din tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] Il-fond Pembroke, li l-partijiet stmaw fl-ammont ta' €256,231 [ekwivalenti ghal LM110,000];
[2] Il-mobbli ezistenti fl-imsemmi fond li, ghalkemm gew deskritti mill-konvenut fl-elenku a fols.19 u 20. tal-process, u li kopja tieghu qed tigi annessa sabiex tifforma parti mill-

[20] Supra

gudizzju odjern [Appendici A]; izda ma nghataw ebda valuri fir-rigward;
[3] Vettura Daewoo;
[4] Kollezzjoni tal-muniti, stamta €270 [ekwivalenti ghal LM116];
[5] Flus kontanti;
[6] Kontijiet Bankarji;
[7] Polza ta' l-Assikurazzjoni mas-scojeta' Middlea Sea Valletta Limited;

Illi rigward l-ishma tas-socjeta' **Blue Clover Limited**; u l-ammont percepit mill-konvenut bhala **commuted pension**, il-Qorti tosserva li dawn ma jifformawx parti mill-kommunjoni tal-akkwisti, kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

*Assenjazzjoni*
Il-Qorti tordna s-segwenzi assenjazzjoni:
[1] Illi l-fond "Tamarisk" nru.173 Triq D.Luigi Rigord Pembroke, jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sentejn, bi prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont ta' €256,231 [ekwivalenti ghal LM110,000] sakemm il-partijet ma jiftehemux mod iehor bil-miktub; kemm-il darba l-fond jibqa' ma jinbieghx fl-imsemmi perijodu, il-fond jinbigh taht l-awtorita' tal-Qorti ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont; ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

[2] Il-mobbli ezistenti fl-imsemmi fond u elenkati fl-Appendici A ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; u fil-kaz li l-partjiiet ma jilhqux ftehim fir-rigward, il-Qorti tinnomina lill-istimatur Peter Bonello, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, sabiex wara li dan l-espert jistma' l-oggetti ndikati fl-elenku, jaqsamhom f' zewg porzjonijiet ugwali, A u B, li ghanhdom jigu assenati lill-partijiet bix-xorti;

[3] Il-vettura Daewoo li tinsab fil-pussess tal-konvenut, ghandha tigi assenjata lilu fl-intier tieghu, filwaqt li l-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma ta' €3,494 [ekwivalenti ghal LM1,500] rapprezentanti sehemha minn

din il-vettura, liema ammont gie stabbilit minn din il-Qorti arbitrio boni viri;

[4] Il-flus kontanti li nstabu fil-bagalja tal-konvenut meta nfethet fil-Qorti quddiem il-partijiet ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet;

Rigward is-somma ta' €2,329 [ekwivalenti ghal LM1,000] li l-attrici tallega li kienet skopriet mohbija fil-garage, il-provi mhumiex cari, u ma jirrizultax sodisfacentement li dan l-ammont ghadu fil-pussess tal-konvenut. Ghalhekk il-pretensjoni attrici fir-rigward, mhux qed tigi milqugha.

[5] Illi rigward il-kontijiet bankarji mal-HSBC, APS u mal-B0V, il-Qorti taddotta l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali kontenuti fil-paragrafi 127 sa 129, u 132 [inkluzi], u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti mill-istess [Appendici B][21].

Il-Qorti pero' ma taqbilx mal-kontenut tal-paragrafu 133, u tordna li l-flus ezistenti sal-gurnata tallum f' kontijiet ohra mhux indikati fl-imsemmija paragrafi ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, irrispettivament fuq minn huma ntestati.

[6] Illi, rigward il-polza ta' l-assikurazzjoni mizmuma mal-Middle Sea Valletta Life Assurance Company, irrizulta li din kienet giet akkwitata mill-konvenut matul iz-zwieg fis-17 ta' April 2000[22], ghas-somma ta' €13,976 [ ekwivalenti ghal LM6,000] rapprezentanti, in kwantu ghall-ammont ta' €9,317 [ekwivalenti ghal LM4,000] sehemu mill-kontijiet bearer li kienu naqssmu bejn il-partijiet matul iz-zwieg, u LM2,000 flus tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Il-Qorti ma taqbilx pienament mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali f' dan ir-rigward, u hija tal-fehema li, filwaqt li l-konvenut ghandu jrodd lill-attrici s-somma ta' €2,329 [ekwivalenti ghal LM1,000] sehemha mill-kreditu tal-kommunjoni vis-à-vis il-konvenut, l-attrici a proporzjon hija

---

[21] Vol.3 – fols.667 – 669, u fol.671 - 672

[22] Ghalhekk mhux applikabbli d-dispost ta' l-artikolu 1712K tal-Kap.16 li hu applikabbli biss ghall-kuntratti, jew transazzjonijet relattivi, li saru wara l-15 ta' Awissu 2005

ntitolata wkoll ghall-wiehed minn sitta [1/6] ta' l-akkrexximent ta' din il-polza.

*Blue Clover Ltd.* – Illi l-Qorti taqbel mal-kontenut tal-paragrafu 134[23] tar-relazzjoni, u taddottah fl-intier tieghu, tenut kont li mill-provi jirrizulta li, ghalkemm hafna mix-xoghol relatat ma' din il-kumpanija, kienet taghmlu l-attrici, izda l-provi juru li l-kumpanija hija tat-tifla tal-partijiet, u dan apparti mill-bilanc debitu li, almenu mid-dokumenti, jidher li ghandha l-istess kumpanija.

*Pensjoni* – Illi mill-provi jirrizulta li meta l-konvenut kien irtira mix-xoghol tieghu minn mal-Gvern, huwa thallas mit-Tezor commuted pension ta' €29,350 [ekwivalenti ghal LM12,600] rapprezentanti €2,033.94 [ekwivalenti ghal LM873.17] referibbli ghaz-zmien ta' qabel iz-zwieg, filwaqt li l-kumplament ta' €27,316.12 [ekwivalenti ghal LM11,726.81] jirriferi ghaz-zmien ta' wara z-zwieg. Jirrizulta wkoll li, tenut kont li l-konvenut ha din is-somma, huwa jippercepixx pensjoni annwali ridotta ta' €7,044 [ekwivalenti ghal LM3,024].[24]

Dwar in-natura tal-imsemmija somma, ir-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali – Sezzjoni Pensjonijiet, fix-xhieda tieghu jispjega li "din is-somma hija a service pension, u allura hija meqjusa bhala pensjoni." Inoltre, ir-rapprezentant tat-Tezor tghid: "is-somma hija ta' natura ta' pensjoni. Fil-fatt is-somma tirrapprezenta l-bejgh ta' kwart tal-pensjoni. Minn ma jiehux is-somma jrid jilhaq is-72 sena biex ikun ha l-istess cifra tas-somma."

Illi l-attrici qed tippretendi nofs l-ammont mis-somma ta' €27,316.12 [ekwivalenti ghal LM11,726.81] in bazi ghall-fatt li l-konvenut ippercepixxa din is-somma meta l-kommunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti; filwaqt li l-konvenut jikkontendi li din is-somma tirreferi ghall-futur, u ghalhekk ghaz-zmien ta' wara s-separazzjoni. Jsostni li bis-sahha ta' din is-sistema huwa ha parti mill-pensjoni

[23] Vol.3 – fol.672
[24] Vide xhieda: Grace Micallef [Vol.3- fol.141], Adrian Attard [Vol.2 – fol.574] u Lilian Bezzina [Vol.2 – fol.579]

futura bil-quddiem, u ghalhekk il-pensjoni ntitolat ghaliha fil-prezent giet ridotta minhabba dan il-fatt.

Il-Qorti tikkondividi l-argument tal-konvenut bhala wiehed san u legalment validu. Huwa minnu li s-somma giet percepita matul iz-zwieg, izda mill-provi jirrizulta car li l-pozizzjoni legali in propozitu hi li l-konvenut xtara dak li kien intitolat ghalih fil-futur, u cioe' anke ghaz-zmien ta' wara s-separazzjoni. Ghaldaqstant il-qorti hija tal-fehema li din is-somma, rapprezentanti parti mill-pensjoni futura, tappartjeni fl-intier taghha lill-konvenut, filwaqt li l-attrici m' ghandha ebda jedd fuqha.

**Proprjeta' Parfernali**

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti taddotta fl-intier tieghu l-kontenut tas-sezzjoni ntestata "Beni Parafernali" paragrafi 140 u 141 tar-relazzjoni, salv ghall-korrezzjoni li l-kreditu dovut lill-konvenut huwa ta'€3,401 [ekwivalenti ghal LM1,460] u mhux €2,469 [ekwivalenti ghal LM1,060], [Appendici C][25] Kopja tal-istess qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti minnu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija taz-zewg partijiet;
[2] tilqa' t-tieni talba, izda tordna li l-artikolu 48[1][a][b] u [d] jkun applikabbli fil-konfront taz-zewg partijiet;
[3] tilqa' it-tielet talba, u mill-lum ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenja kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kommunjoni ta' l-Akkwisti";
[4] tilqa' ir-raba talba fit-termini ta'dak stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Proprjeta Parafernali".

L-ispejjez ghandhom jigu divizi wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

[25] Vol.3 – fols.675 - 676

---------------------------------TMIEM---------------------------------